# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Nru. 194/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2021 in segwitu tal-Ħruġ ta' Kontro-Mandat bin-Numru 128/2021**

**Wara l-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 12/2021 fl-ismijiet:**

**Catherine Schmickler (Passaport Franċiż bin-Numru 14AK00782)**

**vs.**

**Klaus Peter Schmickler (K.I. Nru. 125716(A))**

**Illum it-tnejn (2) ta' Settembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Catherine Schmickler ppreżentat fit-28 ta' Lulju 2021 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant u in vista tas-suespost, Catherine Schmickler qed titlob umilment u b'rispett lejn dina l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li tirtira contrario imperio d-digriet tagħha datat 9 ta' Lulju 2021, tawtorizza lir-rikorrenti Catherine Schmickler sabiex ai termini inter alia ta' l-Artikolu*

*836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tintavola n-Nota tagħha kif previst, u dan salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi"".*

Rat id-Digriet tagħha tat-28 ta' Lulju 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimat Klaus Peter Schmickler li ġie mogħti żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex jippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li jixtieq jagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jixtieq jippreżenta.

Rat in-Nota tal-intimat Klaus Peter Schmickler ppreżentata fid-19 ta' Awwissu 2021.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors, inkluż il-Kontro-Mandat bin-Numru 128/2021.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 12/2021 fl-ismijiet **Catherine Schmickler vs. Klaus Peter Schmickler**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jiġi kkwatelat d-debitu ta' ħamsin elf Euro (€50,000) allegatament dovut mill-intimat Klaus Peter Schmickler lir-rikorrenti Catherine Schmickler, liema ammont jirrappreżenta manteniment dovut minn Klaus Peter Schmickler[1];

- li wara l-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmi, fid-9 ta' Lulju 2021 Klaus Peter Schmickler ippreżenta Kontro-Mandat (li ġie milqugħ) u r-raġuni hemm imsemmija hija "stante pagament";

[1] Il-kreditu ndikat fil-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 12/2021 fl-ismijiet **Catherine Schmickler vs. Klaus Peter Schmickler** huwa dak indikat bħala ħamsin elf Euro (€50,000). Mill-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi jirriżulta li l-Mandat ġie proviżorjament milqugħ fil-25 ta' Jannar 2021 u ġie sussegwentement milqugħ b'mod definittiv fil-11 ta' Frar 2021.

- li mal-Kontro-Mandat imsemmi fil-paragrafu preċedenti ġie anness dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "A" li minnu jirriżulta li sar pagament ta' sittin elf Euro (€60,000) minn Klaus Peter Schmickler lil Catherine Schmickler[2];

- ir-rikorrenti Catherine Schmickler fl-ebda ħin ma tisħaq li teżisti raġuni oħra għajr għall-ħlas ta' manteniment li għaliha l-intimat Klaus Peter Schmickler kellu għalfejn jgħaddi flus lilha.

Illi, mingħajr mal-Qorti tidħol fil-mertu dwar kwistonijiet oħra li għad jistgħu jeżistu bejn il-partijiet, in segwitu ta' dak kollu li ngħad hawn fuq jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-kreditu msemmi fil-Mandat ta' Inibizzjoni li jsir riferenza għalih hawn fuq ġie mħallas u b'hekk jirriżulta wkoll li ġie sodisfatt l-ħruġ tal-Kontro-Mandat ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2021 mill-intimat Klaus Peter Schmickler u li ġie milqugħ fl-istess ġurnata.

Illi b'hekk isegwi li t-talbiet kontenuti fir-Rikors promutur m'għandhomx jiġu milqugħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kontenuti fir-Rikors promutur.

[2] Dokument simili ġie ppreżentat ukoll man-Nota ta' Klaus Peter Schmickler (Dok. "A") ippreżentata fid-19 ta' Awwissu 2021. F'dokument li ġie anness ukoll man-Nota ta' Klaus Peter Schmickler, liema dokument ġie mmarkat bħala Dok. "B", jirriżulta li għan-nom tal-bank Svizzeru *Julius Baer & Co.* inkiteb is-segwenti: *"On behalf of Mr. K. Schmickler, I would like to confirm to you that EUR 60K were transferred to Mrs. Catherine Schmickler with value date today. Furthermore, as per his instructions, the existing standing order in the amount of EUR 4,000 will be adjusted by end of July and the new amount will be EUR 8,000."*

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti Catherine Schmickler.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis 2 ta' Settembru 2021.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**